# LIL SAN ĠUŻEPP

Kont ħaddiem: biex taqla' x'tiekol,
Fuq il-għodda lejl u nhar;
Għad li nislek kien ta' David
Kont magħdud fost l-iżjed fqar.

Imma dak li jara u jifhem
X'fiha l-qalb minn tal-bnedmin
Lilek għażel biex fid-dinja
Tħares 'l-Omm tal-Verb divin.

Liema kobor! Liema ħlewwa!
Qalb il-faqar, qalb is-skiet
Tarfa', tbus u tħaddan miegħek
Lil min ħalaq is-smewwiet!

Oh Ġużeppi, jiena fqajjar,
F'qalbi m'hemmx ebda virtù . . .
Tinsinix, o fqir, o għani,
Meta tkellem lil Ġesù.

(*"Il-Parroċċa tar-Raħal Ġdid"*, Marzu 1919, p. 108)